MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 245/2010

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Antoine Abela ID 109171M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames t'elef, tmien mija u erba u disghin euro u disa u sittin centezmu (€5,894.69), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minn Abela Antoine lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009, u dana in segwitu ta, u skond Client Contract No 449889, liema kuntratt huwa iffirmat minn Abela Antoine.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2009, u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat mal-avviz ma dana l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-15 ta' Settembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €5,894.60 bl-imghax legali mit-2 ta’Dicembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2009 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tas-7 ta’ Lulju 2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------